Kunsill Lokali Pembroke
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta.
**Tel** : (+356) 2137 2111 **Fax** : (+356) 2137 2555
**Web page** : www.pembroke.gov.mt
**e-mail** : pembroke.lc@gov.mt

Pembroke Local Council
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta.
**Tel** : (+356) 2137 2111 **Fax** : (+356) 2137 2555
**Web page** : www.pembroke.gov.mt
**e-mail** : pembroke.lc@gov.mt

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Pembroke

## TMINN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 10/2022

**It-Tlieta 23 ta' Awwissu, 2022**

Il-Kunsill Lokali Pembroke Itaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Alamein, Pembroke, fis-2:00 ta' wara nofsinhar. Kien hemm membri tal-Kunsill li kienu preżenti virtwalment.

**PREŻENTI:**

Dean Hili – Sindku

Omar Elaref Arab – Viċi Sindku ***(daħal fis-14:24)***

Désirée Vella Brincat – Kunsillier

Charles Cesare – Kunsillier

Raymond Lanzon – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Ħadd

**ASSENTI**

Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Kevin Borg – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Dean Hili ppresjeda l-laqgħa.

## 10.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija.

10.1.1. Is-Sindku Dean Hili nforma lill-Kunsill li l-Viċi Sindku Omar Elaref Arab għandu jidħol ftit tard, fil-fatt dan sar fis-14:24.

## 10.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 09/K8/2022.

10.2.1 Is-Sindku Dean Hili ippropona l-approvazzjoni tal-Minuti referenza 09/K8/2022 kif ippreżentati.

10.2.2 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

10.2.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 10.3 Komunikazzjoni mis-Sindku.

**46/3252/22/I** Ċirkulari numru SPI-SCI-8-2022 - Espressjoni t'Interess - Finanzjament Milied 2022

10.3.1 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-Minuti 09/K8/2022 item 09.3.36 speċifikament għall-korrispondenza **46/3252/22/I** fejn ressaq għad-diskussjoni l-idea li tiġi organizzata fil-parkeġġ tal-Kunsill serata intiża għat-tfal minflok dik li solitament issir u cioe dik tat-tqassim tar-rigali fejn minflok, tintrama tinda, u t-tagħmir elettroniku neċessarju u tittella serata natalizja bl-għajnuna tal-Librar/a li tinvolvi qari ta' materjal relatat mal-Milied preferibbilment bil-Malti, sessjoni ta' crafts minn animaturi b'tema tal-Milied u possibbilment jintwera film relatat mal-Milied fl-aħħar tas-serata. Il-kelliem fakkar li matul is-sena li għaddiet il-Kunsill kien ġie avviċinat minn persuna fil-lokal li jimmanifattura l-presepji u li dan jista` jiġi nkorporat fil-pjan li jista' jmur lil hinn minn serata waħda. Il-kelliem żied li dan jista` wkoll isir b'kollaborazzjoni mal-Parroċċa. Fid-dawl li d-data tal-iskadenza kienet diġa għaddiet (19/08/2022), il-kelliem ippropona li l-Kunsill għandu jivverifika jekk huwiex possibbli li japplika, inkluż li tali attivita' tiġi kkunsidrata biss jekk ikun hemm dan il-finanzjament.

10.3.2 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

10.3.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/3254/22/I** Ċirkulari numru SPI-SCI-7-2022 - Espressjoni ta' Interess - World Cleanup The World Campaign 2022.

10.3.4 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-Minuti 09/K8/2022 item 09.3.37 speċifikament għall-korrispondenza **46/3254/22/I** fejn informa lill-Kunsill li huwa kien ser jitlob lill-Viċi Sindku Omar Arab (meta jkun preżenti) sabiex jinforma lill-Kunsill dwar x'ġie diskuss b'rabta ma' dan is-suġġet fl-aħħar laqgħa tar-Reġjun.

**46/3401/22/I** Proġetti b'kollaborazzjoni mal-K.L fi ħdan Il-K.R.L. għas-sena 2022

10.3.5 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-Minuti 09/K8/2022 item 09.3.60 speċifikament għall-korrispondenza **46/3401/22/I** fejn irrimarka li huwa evidenti li r-Reġjun l'illum huwa kompost minnu l-Kunsill Lokali fil-passat, u cioe` fi żmien meta l-Kunsill ma kienx parti minn dan l-istess Reġjun u allura meta r-Reġjun Lvant kien dak taċ-Ċentru, għamel diversi inizjattivi nteressanti li b'mod partikolari għandhom jinteressaw lill-Kunsill għaliex huma inizjattivi li jixirqu l-karatteristiċi tal-Lokalita`. Il-Kelliem għalhekk issolleċita lill-membri kollha sabiex ikunu pro-attivi u jaqsmu l-ħsibijiet tagħhom dwar tali proġetti u sejħiet meta dawn ikunu mħabbra anke permess ta' emails li jintbagħtu mir-Regjun.

10.3.6 Is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li minn dokument li ntbagħat lill-Kunsill mir-Reġjun Lvant, liema dokument kien ukoll ġie ċċirkolat mal-membri kollha, hemm diversi inizjattivi li l-Kunsill jista' diġa jibbenefika minnhom, ovjament jiddependi mill-interess tal-membri jekk isirx dan u jekk hemmx pjan biex dan isir.

**46/3613/22/I** Rapport dwar ħajt tal-planter imġarraf li hemm fid-daħla tal-Knisja.

10.3.7 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/3613/22/I** fejn ippropona li l-Kunsill jagħmel it-tiswijiet neċessarji hekk kif ikun hemm l-ħaddiema fl-akwata fuq ix-xogħol ta' Ġnien Madre Teresa ta' Kalkutta.

10.3.8 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

10.3.9 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/3630/22/I** Persuna jitlob il-kummenti u risposti mingħand il-Kunsill dwar l-E foot scooter legislation u x'qed jagħmel il-lokal.

10.3.10 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/3630/22/I** fejn ippropona li l-Kunsill iwieġeb billi jirreferi għall-istqarrija nnifisha li twieġeb uħud mill-punti mqajma b'mod partikolari dak li għandu x'jaqsam mar-rieda tal-Kunsilli li jipprovdu parkeġġi għall-dawn l-i*scooters* kemm-il darba l-operaturi jikkollaboraw u jassikuraw li l-ebda *scooter* ma tkompli titħalla bl-addoċċ fuq bankini u postijiet oħrajn li jingombraw spazji pubbliċi – xi ħaġa li sa issa ma jidhirx li kien hemm wisq entużjażmu għaliha. Minbarra dan il-Kunsill għandu jitlob li l-korrispondenza tiġi diskussa mir-Reġjun li għandu jagħti tweġiba waħda f'dik li għandu x'jaqsam mal-lat viżjonarju. Da parti tal-Kunsill għandu pero jinforma lill-persuna kkonċernata kemm-il bicycle rack għandu fil-lokalita`, li huma diversi.

10.3.11 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

10.3.12 Il-Kunsill qabel unanimament.

**10.3.13 *Il-Viċi Sindku Omar Elaref Arab ingħaqad fil-laqgħa fis-14:24.***

**46/3674/22/I** Petizzjoni mingħand residenti li joqgħodu fi Triq Jum Pembroke, Triq il-President Anton Buttiġieġ, Triq Sir Luigi Preziosi, Triq Bice Mizzi Vassallo u Triq Falaise.

10.3.14 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/3674/22/I** fejn ippropona li l-Kunsill isegwi din il-korrispondenza billi fost affarijiet oħra jikteb lill-Ministeru tal-Edukazzjoni u jitlob laqgħa sabiex jiddiskuti kwalunkwe pjanijiet li jista` jkun hemm għall-espansjoni tal-iskola u s-servizzi li tipprovdi.

Il-kelliem irrimarka wkoll li huwa ta' sodisfazzjon li d-diskussjonijiet li spiss ikollu mar-residenti ikkonċernati li jqishom ħbieb personali tiegħu, sarrfu sabiex l-istess residenti jifhmu li s-sors ta' ċertu skumdita` li jikkawżaw elementi oħrajn li fuqhom m'għandux jew ma kellux kontroll il-Kunsill, illum diffiċli jsolvihom il-Kunsill waħdu u li kien għalhekk li fl-istess korrispondenza ġew ikkupjati diversi entitajiet. Da parti tiegħu il-kelliem tenna l-lealtà` tiegħu lejn ir-residenti tal-akwata tant illi fl-aħħar jiem il-Kunsill ħa pożizzjoni kontra aktar żvilupp intensiv fl-akwata.

10.3.15 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

10.3.16 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/3732/22/I** 3 siġriet tal-Yucca biswit Blk B14, Triq Pietru Darmenia.

10.3.17 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/3732/22/I** fejn ippropona li l-Kunsill jibgħat ir-ritratti li ġie mitlub jibgħat, filwaqt li jagħmel iż-żabra li hemm bżonn fejn hemm il-periklu għan-nies li jgħaddu minn fuq il-bankina, mingħajr ma jitneħħew.

10.3.18 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda u żied li possibilment tinstab soluzzjoni biex jekk huwa legalment possibbli jinqerdu l-għeruq ta' dawn is-siġar u eventwalment ikunu jistgħu jitneħħew.

10.3.19 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

10.3.20 Il-Kunsill qabel unanimament.

10.3.21 Is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg irrakkomanda li l-Kunsill jitlob parir legali tal-Avukat tal-Kunsill biex jiġi identifikat min huwa s-sid tas-soft areas u l-landscaping areas.

10.3.22 Is-Sindku Dean Hili ippropona li l-Kunsill jilqa' din ir-rakkomandazzjoni.

10.3.23 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

10.3.24 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/3737/22/I** Email mingħand l-Active Ageing bi proposta ta' programm t'attivatijiet.

**46/3754/22/I** Email mingħand l-Active Ageing dwar il-manutenzjoni tas-sala.

10.3.25 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/3737/22/ u 46/3754/22/II** fejn talab il-kummenti tal-Kunsillier Raymond Lanzon fir-rigward.

10.3.26 Il-Kunsillier Raymond Lanzon ikkummenta li l-programm huwa wieħed interessanti.

10.3.27 Is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li kien wasal iż-żmien l'issir manutenzjoni fil-binja tal-Kunsill wara li kien sar upgrading lura f'Diċembru 2007, u għalhekk irrakkomanda l'issir manutenzjoni tas-sala tal-Kunsill, tas-saqaf tal-Kunsill inkluż trattament kontra l-ilma tax-xita, tikħil, tibjid, u xogħol ta' gypsum. Il-kelliem irrimarka wkoll li wasal iż-żmien li jinbidel l-apparat ta' ċertu IT fosthom PABX, tel system, alarm, ect

10.3.28 Is-Sindku Dean Hili ippropona li l-Kunsill jilqa' din it-talba.

10.3.29 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

10.3.30 Il-Kunsill qabel unanimament.

10.3.31 Is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg irrakkomanda li ssir manutenzjoni tal-ħajt li jifred lill-Kunsill minn mal-Verdala International School.

10.3.32 Is-Sindku Dean Hili ippropona li l-Kunsill jilqa' din it-talba.

10.3.33 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

10.3.34 Il-Kunsill qabel unanimament.

10.3.35 Is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li fil-jiem li ġejja kienu ser jiġu ordnata uniformijiet ġodda għall-impjegati.

10.3.36 Is-Sindku Dean Hili ippropona li l-Kunsill jilqa' din it-talba.

10.3.37 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

10.3.38 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 10.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri.

10.4.1 Peress li ma kienx hemm mistoqsijiet, is-Sindku Dean Hili għadda għall-item li kien imiss.

## 10.5 Rapporti, ilmenti u ordnijiet ta' xogħlijiet.

10.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg ippreżenta lill-Kunsill:

- **Internal Memo 14/2022** - Lista ta' works orders maħruġa bejn laqgħa referenza 09/K8/22 u 10/K8/22 **(Dok. 1)**

10.5.2 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-**Internal Memo 14/2022** dwar works orders maħruġa bejn laqgħa u oħra, fejn ippropona r-ratifikazzjoni tagħhom, liema works orders inħarġu skond l-esiġenzi li kellu l-Kunsill.

10.5.3 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

10.5.4 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 10.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti.

10.6.1 Is-Sindku Dean Hili ippreżenta l-iskeda tad-dħul u ħruġ. **(Dok. 2, 3 u 4)**

10.6.2 Wara li l-Kunsilliera raw u skrutinaw il-kontijiet ippreżentati, is-Sindku Dean Hili ippropona l-approvazzjoni tal-kontijiet kollha kif irrakkomandat.

10.6.3 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

10.6.4 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 10.7 Mozzjonijiet.

10.7.1 Is-Sindku Dean Hili informa lill-Kunsill li ma kienu daħlu ebda mozzjonijiet u għalhekk għadda għall-item li kien imiss.

## 10.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

10.8.1 Is-Sindku Dean Hili għalaq il-laqgħa fit-15:05pm wara li unanimament kien hemm qbil li l-laqgħa tiġi aġġornata għall-Ħamis 29 ta' Settembru 2022 fis-2:00pm

**Konfermati, illum 29 ta' Settembru, 2022**

**IFFIRMAT**

Avv. Dean Hili
**Sindku**

**IFFIRMAT**

Kevin Borg
**Segretarju Eżekuttiv**

Kunsill Lokali Pembroke
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

Pembroke Local Council
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

**Dok 1**

**Internal Memo Referenza 14/2022** **23 ta' Awwissu 2022**

# Lista ta' works orders li jinħtieġ li jiġu ratifikata bejn il-Laqgħa 09/K8/22 u 10/K8/22

| Referenza | | Kuntrattur | Xogħol ordnat |
|---|---|---|---|
| 92 | 2022 | Mica Med | Tiġi rranġata lampa W038 fi Triq il-Mediterran. |
| 93 | 2022 | Mica Med | Tiġi rranġata lampa L064 fi Triq Medjez. |
| 94 | 2022 | F Zammit Nurseries | Tissupplixxi kuruna tal-fjuri għall-funeral tas-Sinjura Josephine Micallef. |
| 95 | 2022 | J&K Contractors | Permezz ta' din l-ittra f'isem il-Kunsill Lokali Pembroke ġentilment qed nitolbok biex:<br>1. Jiġi rranġat iċ-ċint fi Triq Misraħ il-Paċi. |
| 96 | 2022 | Christopher Falzon | Servizz tiegħek għal BBQR fuq Tender for the Provision of Health Attendants to Carry Out Services of Cleaning of Public Conveniences in an Environmentally Friendly Manner for the Pembroke Local Council Referenza PLC_T_2022_02. Kif ukoll li tkun parti mill-bord ta' evalwazzjoni. |

Kevin Borg
***Segretarju Eżekuttiv***

**Awtorizzazzjoni tas-Sindku Dean Hili sabiex tiġi ċċirkolata lill-Kunsilliera**

PEMBROKE